**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**

**DR. Anna Mallia**

Seduta tal- 04 ta' Mejju, 2016.

Talba Numru: 390/2015AM3

Numru fuq il-Lista: 05

**Mobisle Communications Limited – C24655 li b'digriet tal-5 ta' Frar 2016 s-Socjeta'' GO plc (C- C22334) assumiet l-atti minflok Mobisle Communications Limited**

**Triq Fra Diego, Marsa, MRS 1501**

**vs**

**Holly Amber Maria Mitchell (ID 61923A)**
**San Giljan Court Flat 2**
**Triq San Mark**
**San Giljan**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ppreżentat fis-26 ta' Mejju, 2015 li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet il-hlas ta' seba' mija u sitta u tletin ewro u sitta u disghin centezmu (€736.96c) liema ammont huwa in konnessjoni ma' servizzi ta' kommunikazzjoni moghtija mis-Socjeta' attrici lill-konvenuta.

Ra mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-avviz tat-talba u wkoll bl-avviz tas-seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra x-xhieda permezz tal-affidavit ta' Charmaine Psaila Wiffen in rapprezentanza tas-Socjeta' attrici li kkonfermat bil-gurament li l-ammont ghadu dovut mill-konvenuta fl-intier tieghu u d-dokumenti esebiti mal-avviz tat-talba.

Ghaldaqstant, peress li t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' seba` mija u sitta u tletin ewro u sitta u disghin centezmu (€736.96) bl-imghax legali kontra l-konvenuta sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**